**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum tlieta (3) ta' Mejju 2024

Kawża Nru 2980/2024

**Il-Pulizija**
***(Spettur Rachel Aquilina)***

Vs

**Alsweleh Bashar**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Alsweleh Bashar**, imwieled is-Sirja fl-ewwel (1) ta' Ġunju 2001 u residenti numru 88, Triq il-Wied, Birkirkara, Malta detentur tal-karta tal-identita Maltija 371033(A) talli nhar il-ħamsa (5) ta' Jannar 2024 għall-ħabta ta' nofsinhar u kwart (12.15hrs) fi Triq il-Ħotba, Żejtun u f'dawn il-gżejjer:

(1) saq vettura numru CBW 318 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan;[1]

(2) saq vettura numru CBW 318 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;[2]

(3) saq vettura numru CBW 318 b'tyres li kieku daqshekk mikula li seta' jagħmel ħsara lit-triq, jagħmel ħsejjes żejda jew jikkaġuna vibrazzjonijiet jew perikolu lil ħaddieħor li jkun fit-triq.[3]

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-akkużat jiġi wkoll skwalifikat milli jżomm jew jkollu liċenzja tas-sewqan għall-perjodu taż-żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha preżentati mill-Prosekuzzjoni;

Rat id-dokument preżentati mid-difiża;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

[1] Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65
[2] Artikolu 3(1) tal-Kap. 104
[3] Regolament 110(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar il-ħamsa (5) ta' Jannar 2024 għall-ħabta ta' nofsinhar u kwart (12.15hrs) kienu qegħdin isiru spezzjonijiet ta' vetturi fi Triq tal-Ħotba, Żejtun mill-Pulizija u uffiċjali ta' Transport Malta. F'ħin minnhom PC 1215 David Agius waqqaf vettura tal-għamla Toyota Vitz tal-kulur abjad bin-numru tar-reġistrazzjoni CBW 318. Dan għaliex din il-vettura kellha t-tyres antiki u maqsumin. Dan apparti li kellha daqqa kbira fil-ġenb tax-xellug. Ix-xufier ġie identifikat li kien Alsweleh Bashar bil-karta tal-identita numru 371033(A). Meta Bashar ġie mistoqsi biex jippreżenta l-liċenzja tas-sewqan, huwa informa lill-Pulizija li kien qiegħed isir proċess biex il-liċenzja Griega li huwa kellu tiġi rikonoxxuta Malta. Minn verifiki magħmula mill-Pulizija dak il-ħin, irriżulta li l-akkużat ma kellux liċenzja tas-sewqan. Huwa għalhekk ġie infurmat li kienu sejrin jinħarġu l-akkużi fil-konfront tiegħu.

Ikkunsidrat;

Mill-provi prodotti, senjatament l-affidavit ta' Kenneth Pace li xehed in rappreżentanza ta' Transport Malta,[4] irriżulta li fil-ħamsa (5) ta' Jannar 2024, l-akkużat ma kellux liċenzja tas-sewqan. Fl-istess affidavit Kenneth Pace jistqarr wkoll li fit-tlieta (3) ta' Frar 2024, l-akkużat kien skwalifikat milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan. Fis-sottomissjonijiet magħmula minnha, id-difiża sostniet li la darba l-akkużat kellu l-liċenzja sospiża fit-tlieta (3) ta' Frar 2024, allura bil-fors li qabel dik id-data l-akkużat kellu liċenzja tas-sewqan valida.

[4] Dokument B preżentat fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Mejju 2024.

Il-Qorti pero ma taqbilx ma' dak li qed issostni d-difiża. Li kieku Kenneth Pace ma speċifikax fl-affidavit tiegħu li fil-ħamsa (5) ta' Jannar 2024 l-akkużat ma kellux liċenzja, forsi kien iqum dubju bid-dikjarazzjoni fl-istess affidavit li l-akkużat kien ġie skwalifikat milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan fit-tlieta (3) ta' Frar 2024. Kien ikun hemm lok li wieħed jargumenta li qabel it-tlieta (3) ta' Frar 2024 l-akkużat kellu liċenzja valida u li fit-tlieta (3) ta' Frar 2024 huwa kien skwalifikat milli jkollu jew juża din il-liċenzja. Il-fatt pero li ġie speċifikat li fil-ħamsa (5) ta' Jannar 2024 l-akkużat ma kellux liċenzja ifisser li bid-deċiżjoni li ingħatat fit-tlieta (3) ta' Frar 2024 l-akkużat kien skwalifikat **milli jottjeni** liċenzja tas-sewqan. Ma kienx ifisser u lanqas jista' b'xi mod jiġi interpretat li qabel dik id-data l-akkużat kellu liċenzja. L-ewwel akkuża għalhekk tirriżulta ippruvata.

Għar-rigward it-tieni akkuża jingħad li la darba l-akkużat kien qed isuq il-vettura *de quo* mingħajr liċenzja tas-sewqan valida huwa ma setax jitqies li kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni valida hekk kif rikjest mill-artikolu 3(1) tal-Kap. 104. Din il-posizzjoni legali ġiet kristalizzata b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali f'diversi sentenzi fosthom **Il-Pulizija vs Mohammed Knaan**.[5] Biex tiġi eliminata r-responsabbilita kriminali b'rabta mar-reat ipotizzat fl-artikolu 3(1) tal-Kap. 104, l-akkużat **ried attivament jipprova** illi kien personalment kopert taħt il-polza tal-assikurazzjoni maħruġa għall-użu tal-vettura

[5] Deċiża fis-sebgħa (7) ta' Frar 2023.

minkejja li f'dak iż-żmien huwa ma kellux liċenzja tas-sewqan. Dan fl-aħħar mill-aħħar huwa dak li jirrikjedi l-leġislatur fl-artikolu 3(1) tal-Kap. 104: illi l-polza ta' assikurazzjoni tkun tkopri il-persuna li tkun effettivament qiegħda tuża l-vettura. Fil-każ in eżami l-akkużat din il-prova ma ġabhiex. Għalkemm id-difiża esebiet polza ta' assikurazzjoni, hija ma ġabitx il-prova li dik il-polza kienet se tkopri lill-akkużat minkejja li huwa ma kellux liċenzja tas-sewqan. In linea ma' dak li jistabilixxi l-artikolu 3(1A) tal-Kap. 104 l-oneru ta' din il-prova kien jispetta lill-akkużat. Dan l-oneru l-akkużat ma skarikahx u allura din il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib ħtija wkoll f'din it-tieni akkuża.

Għar-rigward it-tielet akkuża, din wkoll irriżultat pruvata mill-affidavit ta' PC 1215 David Agius. Infatti oriġinarjament il-vettura tal-akkużat twaqqfet propju minn dan il-Pulizija minħabba l-istat ta' tyres tagħha. Id-difiża fl-ebda ħin ma ikkontestat dak li qal dan il-Pulizija jew inkella ressqet xi provi li jqajmu xi dubju fuq dak li xehed il-Pulizija.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 15(1)(a), 15(3) u 55(1) tal-Kap. 65, l-artikoli 3(1), 3(2)(a) u 3(2A) tal-Kap. 104, ir-regolament 110(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 u l-artikolu 13(1) tal-Kap. 9 qed issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu u qed tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' elfejn u seba' mitt ewro (€ 2,700) fir-rigward tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuża u ammenda

ta’ ħamsin ewro (€ 50) għar-rigward it-tielet (3) akkuża. In oltre l-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta’ tnax -il xahar, liema perijodu għandu jibda jiddekorri mit-tlieta (3) ta’ Frar 2025 wara li tkun skadiet l-iskwalifika attwali.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**